MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Numru 448/1999

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**

**KONTRA**

**VICTOR BUTTIGIEG ta’ 37 sena, iben il-mejjet Anthony u Emanuela nee’ Zammit, imwieled Tal-Pieta’ nhar id-9 ta’ Settembru, 1972, residenti fil-fond Casa Buttigieg, Labour Avenue, Naxxar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 474072M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **VICTOR BUTTIGIEG** li gie akkuzat talli:

a. Nhar is-26 ta’ Gunju, 1999 ghall-habta ta’ 5.30pm, fl-inhawi tal-Qawra, bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’

kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna cioe' lil M E Sommer ta' nazzjonalita' Olandiza kontra l-volonta' taghha;

b. U aktar talli fl-istess gurnata, hin, lok, u cirkostanzi, wettaq serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' M E Sommer liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-Lm1,000.000;

c. U aktar talli fl-istess gurnata, u lok ghall-habta tas-6.00pm, fl-inhawi tal-Qawra bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna, cioe' lil Hennie Prinsen ta' nazzjonalita' Olandiza detentur tal-passaport numru T09155700 kontra l-volonta' taghha;

d. U aktar talli fl-istess gurnata, hin, lok u cirkostanzi, wettaq serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Hennie Persen detentur tal-karta tal-passaport numru T09155700;

e. U kif ukoll talli nhar is-26 ta' Gunju, 1999 jew f'xi granet qabel xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

f. U kif ukoll talli nhar is-26 ta' Gunju, 1999 ghall-habta ta' 7.00pm, ghamel uzu minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni LDK 719 minghajr ma kien liebes *seat belt*.

Rat il-kusens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji a folio 12 tal-process. Rat ukoll li l-imputat wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghall-imsemmija proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ezaminat ix-xhieda principali migjuba f'din il-kawza biex waslet ghall-konkluzjonijiet taghha. B'dan pero li ghandu jinghad minn issa li parti mix-xhieda ta' xhud partikolari, certu Penny Prinsen din il-Qorti mhux ser taghtieha dak il-piz probatorju lilha attribwit mill-Ispettur Dominic Micallef fid-deposizzjoni tieghu. Din Penny Prinsen xehdet li kienet hawn Mala fuq btala u sofriet snatch and grab meta rat karozza bajda ghaddejja minn hdejha, hasset lil xi hadd mill-istess karozza jigbdilha l-handbag. Xehdet li n-number plate tal-karozza kellu l-ittra K pero ma setghetx tara l-kumplament tieghu ghax il-pjanca kienet mghawga. Aktar tard meta kienet l-ghassa tal-Pulizija gharfet ir-ritratti li gew murija lilha fejn kienet tidher il-Peugeot bajda u anki parti mir-resfurtiva. Dawn ir-ritratti gew ezebiti bhala DOK DM 3.

In kontro ezami kkonfermat li hi kienet irceviet minghand il-pulizija r-resfurtiva rekuperata minnhom stess u anki li nfurmatha mill-istess pulizija li kienu qabdu l-agent tar-reat. Hija din il-parti tax-xhieda taghha dwar liema l-Qorti ghamlet il-kumment precedenti in kwantu ghall-valur probatorju taghha. Prinsen xehdet li darba li nizlet l-ghassa tal-pulizija hija ghamlet forma ta' ID parade. Xehdet ukoll illi qabel ma ghamlet din il-forma ta' ID parade hija giet murija ghall-ewwel darba lill-imputat minn tieqa zghira, hawn kien wahdu u ma kellu ebda numru. Sussegwentement regghet rat lill-istess imputat, issa f'line-up ta' sebgha minn nies. Vide ghalhekk l-ID parade ezebita bhala DOK DM 2. Kienet kategorika li qabel l-istess line-up hija kienet diga' giet murija lill-imputat wahdu.

Xhud iehor Gerry Ruttinberg xehdet ukoll illi bhax-xhud precedenti, habiba taghha, ukoll kienet ghall-btala hawn Malta, rat ukoll vettura gejja bi speed tavvicina lill-habiba taghha, f'liema vettura rat biss persuna wahda. Tikkonferma wkoll illi l-Peugeot kellha l-pjanca tan-numru tar-registrazzjoni mghawga. Ikkonfermat li kienet il-Peugeot li kienet qieghda tigi murija fid-dokumenti DM 3. Xhud iehor M.E. Sommer xehdet li kienet miexja ma'

ohtha u hasset skoss kbir ta’ xi hadd jigbed xi haga minn ma’ idejha. Dan waqt li bdiet tisma’ hoss ta’ break. Tghid li rat il-basket taghha u l-basket taghha jisparixxu, minn liema karozza gharfet tliet ittri u numru. Gharfet is-segwenti – LDK – 7. Ftakret li l-karozza kellha kulur abjad u li kienet ta’ daqs zghir. Fl-istess handbag misruq kellha photo camera ta’ circa tmemin lira Maltin, nuccali tax-xemx ta’ hames liri Maltin, wallet li kellu fih hames liri Maltin. Tghid li l-basket inxtara versu l-prezz ta’ tliet liri Maltin.

Ix-xhud Colin Keir ra l-isnatch and grab tigri. Xehed ukoll li ra parti min-number plate tal-karozza li kienet ta’ kulur abjad. Anke dan ix-xhud qal li l-pjanca ta’ registrazzjoni tal-vettura kienet mghawga. Iddepona li gharaf l-ittri LDK u n-numri 7 u 9. Muri d-dokumenti DM 3, ikkonferma li kienet il-vettura nvoluta fl-isnatch and grab.

Certu Alex Pulo, ukoll xehed f’dawn il-proceduri. Dan qal li hu kellu l-karozzi ghall-kiri. Xehed illi Buttigieg, b’referenza ghall-imputat, kien talbu jikrilu karozza stante li tieghu kienet bil-hsara. Tah il-vettura LDK 719, Peugeot 106 bajda. Jghid li l-karozza tahielu ftit jiem wara li kienu kellmuh il-pulizija. Ghalhekk Jose Abela ghad-Direttur tal-Licenzji, ikkonferma li l-vettura in kwistjoni LDK 719 kienet tappartjeni lil Alex Pulo.

PC 517 Anthony Francalanza, fuq rapport ta’ snatch and grab fil-ghaxija, fis-26 ta’ Gunju, 1999 xehed illi kien irrintracca vettura Peugeot 106 bajda bl-ittri tar-registrazzjoni LDK. L-istess vettura kienet qieghda tigi misjuqa minn Victor Buttigieg – l-imputat fl-Awla. Fil-vettura msemmija misjub handbag u mistoqsi dwar l-istess, Buttigieg kien wiegeb li kien tat-tfajla tieghu li kienet ghadha kif siefret ghax kienet Irlandiza.

Fl-istqarrija minnu rilaxxata l-imputat ammetta li kellu problema ta’ droga, pero li dak iz-zmien kien qieghed jiehu biss mistura. Dwar il-vettura LDK 719 ammetta li kien kera l-istess minghand certu Alex tal-Qawra, u li fil-lejl koncernat kien wahdu go fiha l-hin kollu. Dwar il-

basket u l-kontenut ta’ l-istess li nstabu gol-vettura, ghazel li ma jwegibx kif kien drittu.

Ikkunsidrat:

Illi tinnota l-Qorti li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha sa mill-24 ta’ Ottubru, 2003, u ftit jew xejn tressqu provi tad-Difiza. L-unika xhud deponenti fir-rigward tas-Sur Buttigieg kienet certu Mary Tabone – care worker mas-Sedqa, li kienet qalet li s-Sur Buttigieg kien qieghed sejjer sew fi hdan l-Agenzija Sedqa. Altrimenti, ma ngabu qatt xhieda ohra. Rat ukoll il-Qorti, li fuq ordni taghha stess giet ezebita fedina penali aggornata ta’ l-istess imputat.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda deponenti din il-Qorti ssib b’certezza htija minn naha ta’ Victor Buttigieg fil-konfront tat-tieni u ir-raba’ akkuza, in kwantu ghall-isnatch and grabs kommessi, u dan wara li rat l-Artikoli 261, u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti hawnhekk trid taghmel premessa li tali htija mhix qieghda tinstab ghax b’xi mod strahet fuq ‘l hekk imsejha ID parade prezentata mill-Ispettur Dominic Micallef. Il-mod kif giet kondotta l-istess ID parade mix-xhud Prinsen, ma hu xejn deziderabbli u taghti lok ghal suggestjoni perikoluza, ghalhekk din il-Qorti taghzel li tiskartaha ghal kollox. Certament li xhud jigi muri suspettat wahdu precedentement qabel line-up ma jista’ qatt isegwi l-gwidi fil-konfront ta’ identity parade gia’ moghtija mill-Qrati taghna. B’mod logiku wiehed jista’ wkoll jasal ghar-rizultat ta’ kemm jista’ xhud jigi facilment influwenzat b’ID parade kondotta b’dan il-mod. Illi ghalhekk il-Qorti taghzel li tiskarta tali identifikazzjoni kif saret, u strahet fuq ix-xhieda tat-turisti okulari li raw in parti r-registrazzjoni tal-vettura nvoluta, gharfu r-resfurtiva migbura mill-pussess ta’ l-imputat, ix-xhieda ta’ Alex Pulo li kera direttament il-vettura lill-imputat, u fuq kollox l-iskuza lajma u laxka li l-imputat ta fl-istqarrija tieghu fil-konfront tal-handbag misjub. Fil-kumplament qieghda tilliberah mill-akkuzi l-ohra, cioe’ ta’ sekwestru ta’ persuna ghax ma tirrizultax, u

ghalhekk mill-ewwel u mit-tielet akkuza, tilliberah anki mill-hames akkuza dik ta' ricettazzjoni, in kwantu dan ir-reat lilu addebitat huwa wiehed alternattiv ghar-reat ta' serq. Tilliberah ukoll mis-sitt akkuza in kwantu mhux sufficjentement ippruvata.

Dwar il-piena, rat il-fedina penali aggornata ta' l-imputat kif gia' premess rat ix-xhieda ta' Mary Tabone rapprezentanti s-Sedqa. Ma taqbilx il-Qorti pero ma' dawk il-konsiderazzjonijiet li giet mitluba taghmel mid-Difiza in kwantu ghat-tul ta' zmien li ghadda mid-data tal-kommissjoni tar-reat, u dan ghaliex tali trapass ta' zmien kien fil-maggoranza attribbwibbli ghan-nuqqas ta' dehra ta' l-imputat f'dawn il-proceduri u n-nuqqas ta' provi mressqa mid-Difiza. Vide folio 109.

Ghaldaqstant qieghda konsiderando dak kollu premess, ukoll wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil Victor Buttigieg ghal piena karcerarja ta' tminn xhur, u dan anke tenondo kont tal-valur tar-resfurtiva.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------